



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

11281/25  
COR 2

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0144 (NLE)

---

IXIM 155  
JAI 1031  
ENFOPOL 254  
CRIMORG 129  
JAIEX 73  
AVIATION 93  
DATAPROTECT 149  
N 56

### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

---

Il-paġna EU/NO/mt 13 għandha tiġi ssostitwita bil-paġna mehmuża

- (c) l-analizzar tad-data tal-PNR bil-għan li jiġu aġġornati, ittestjati jew jiġu stabbiliti kriterji ġodda biex jintużaw fil-valutazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 7(1)(b), sabiex tīgħi identifikata kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew kriminalità serja.

## ARTIKOLU 7

### Valutazzjoni f'ħin reali

1. Fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6, il-PIU Norveġiża tista':
  - (a) tqabbel id-data tal-PNR ma' bażijiet tad-data dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert biss, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbi għal dawn il-bażijiet tad-data; u
  - (b) tipproċċessa d-data tal-PNR skont kriterji stabbiliti minn qabel.
2. In-Norveġja għandha tiżgura li l-bażijiet tad-data msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu ma jkunux diskriminatorji, ikunu affidabbli, aġġornati u limitati għal dawk użati mill-awtoritajiet kompetenti tan-Norveġja b'rabta ma' u rilevanti għall-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 5.
3. In-Norveġja għandha tiżgura li kwalunkwe valutazzjoni tad-data tal-PNR kif imsemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu tkun ibbażata fuq mudelli u kriterji mhux diskriminatorji, speċifiċi u affidabbli stabbiliti minn qabel li jippermettu lill-PIU Norveġiża tasal għal riżultati li jkollhom fil-mira individwi li jistgħu jkunu taħt suspect raġonevoli ta' involviment jew parteċipazzjoni f'reati terroristiċi jew kriminalità serja. In-Norveġja għandha tiżgura li dawk il-kriterji fl-ebda ċirkostanza ma jkunu bbażati fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin filosofiku, is-sħubija fi trade union, is-saħħha, il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna.